MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

## ONOR. IMHALLEF

## ANTONIO MIZZI

Seduta tat-3 ta' Marzu, 2014

Appell Kriminali Numru. 231/2012

**Appell Numru: 231/2012**

Il-Pulizija

(Supt. Norbert Ciappara)

vs

**Eleno sive Lino Bezzina**

iben Joseph, imwieled Pieta' fis-17 ta' Gunju, 1964, detentur tal-karta ta' l-identita' numru 427664(M)

Il-Qorti,

Rat l-akkuzi migjuba kontra l-appellat Eleno sive Lino Bezzina, quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta):

a. Talli fis-16 ta'April, 1998 b'diversi atti maghmulin fi zminijiet differenti, li jiksru l-istess disposizzjoni tal-ligi u li gew maghmula b'risoluzzjoni wahda matul l-ahhar granet ta' qabel din id-data, f'dawn il-Gzejjer forna jew ipprokura jew offra li jforni jew li jipprokura d-droga eroina, specifikata fl-ewwel skeda ta' l-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi, Kapitolu 101 tal-Ligijiet ta' Malta, lill-persuna jew persuni jew

ghall-uzu ta’ persuna/i minghajr ma kellu licenzja mill-President ta’ Malta minghajr ma kien awtorizzat bir-regoli ta' l-1939 ghall-kontroll intern tad-drogi perikoluzi (G.N. 292 ta' l-1939) jew minn xi awtorita’ moghtija mill-President ta’ Malta li jforni d-droga u minghajr ma kien fil-pussess ta’ awtorizazzjoni ghall-importazzjoni jew ghall-esportazzjoni mahrug mit-Tabib Principali tal-Gvern skont id-disposizzjonijiet tas-sitt taqsima ta’ l-Ordinanza msemmija u minghajr ma kellu licenzja jew xort' ohra awtorizzat li jimmanifattura jew iforni d-droga msemmija u minghajr ma kellu licenzja li jipprokura l-istess droga u dan bi ksur tar-regolament 4 tar-Regoli ta' l-1939 ghall-kontroll intern tad-drogi perikoluzi (G.N. 292 ta' l-1939) kif sussegwentement emendati u bi ksur ta’ l-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi, Kapitolu 101 tal-Ligijiet ta’ Malta;

b. Talli fl-istess data, zmien, hin u cirkostanzi b’diversi atti maghmulin fi zminijiet differenti, li jiksru l-istess disposizzjoni tal-ligi u li gew maghmula b’risoluzzjoni wahda kellu fil-pussess tieghu d-droga eroina, specifikata fl-ewwel skeda ta’ l-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi, Kapitolu 101 tal-Ligijiet ta’ Malta, meta ma kienx fil-pussess ta’ awtorizazzjoni ghall-importazzjoni jew ghall-esportazzjoni mahruga mit-Tabib Principali tal-Gvern skont id-disposizzjonijiet tar-4 u is-6 Taqsima ta’ l-Ordinanza u meta ma kienx bil-licenzja jew xort’ohra awtorizzat li jimmanifattura, jew li jforni d-droga msemmija u meta ma kienx b’xi mod iehor bil-licenzja mill-President ta’ Malta li jkollu d-droga msemmija fil-pussess tieghu u naqas li jipprova li d-droga msemmija giet fornuta lilu ghall-uzu tieghu skont ir-ricetta kif provduta fir-regolamenti msemmija u dan bi ksur tar-regolament 8 tar-Regoli ta’ l-1939 dwar il-kontroll intern tad-drogi perikoluzi (G.N. 292 ta' l-1939) kif sussegwentement emmendati u bi ksur ta’ l-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi, Kapitolu 101 tal-Ligijiet ta’ Malta, liema droga kienet fil-pussess tieghu f’tali cirkostanzi li juru li ma kienitx ghall-uzu personali tieghu;

c. Talli fis-17 ta’ April, 1998 u fil-granet ta’ qabel din id-data kkonsenja xi medicini specifikati u psikotropici lill-persuni ohra li ma kienux spizjara, dirigenti jew li ma kienux xort’ohra awtorizzati bil-mod xieraq biex ikollhom fil-pussess taghhom dik il-medicina, bi ksur tal-artikolu 10(2) tal-Avviz legali 22 ta' l-1985, kif sussegwentement emendat u l-artikoli 35B u 89A u it-tielet skeda ta’ Ordinanza dwar

il-professjoni Medika u l-Professjonijiet li ghandhom x'jaqsmu maghha, Kapitoli 31 tal-Ligijiet ta' Malta, u l-Att V ta' l-1985 kif emendat;

d. Talli bejn il-15 u is-17 ta' April, 1998 b'diversi atti maghmulin f'zminijiet differenti, li jiksru l-istess disposizzjoni tal-ligi u li gew maghmula b'risoluzzjoni wahda falsifika biljetti tal-flus jew mexxa biljetti tal-flus iffalsifikati li kien jaf li kienu falsifikati u cioe' liri Maltin u dan bi ksur ta' l-artikolu 45 tal-Kapitolu 204 tal-Ligijiet ta' Malta.

e. Talli fl-istess data, zmien, hin u cirkostanzi b'diversi atti maghmulin fi zminijiet differenti, li jiksru l-istess disposizzjoni tal-ligi u li gew maghmula b'risoluzzjoni wahda minghajr awtorita' legali jew minghajr skuza legittima jew ragonevoli xtara jew ircieva minn ghand xi persuni jew kellu fil-kustodja jew pussess tieghu biljetti ta' flus falsifikati li kien jaf li l-istess biljetti kienu ffalsifikati u cioe' liri Maltin skont l-artikolu 46 tal-Kapitolu 204 tal-Ligijiet ta' Malta.

f. Talli sar recediv fit-terminu ta' l-artikolu 50 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta b'sentenza tal-Qorti tal-Magistrati ta' Malta, tal-25 ta' Marzu, 1998, Awla 1, u tal-24 ta' Marzu, 1995, Awla 2, liema sentenzi saru defenitivi u ma jistghux jinbiddlu.

Il-Qorti giet mitluba sabiex barra milli tapplika l-piena skont il-ligi tordna lill-imputat ihallas l-ispejjez li ghandhom x'jaqsmu mal-hatra ta' l-esperti skont l-artikolu 533 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) tal-25 ta' April, 2012 fejn il-Qorti ma sabitx lill-imputat hati tal-akkuzi migjuba fil-konfront tieghu u illiberatu mill-istess akkuzi.

Rat ir-rikors tal-appellant Avukat Generali tat-18 ta' Lulju, 2013 fejn talab li din il-Qorti joghogobha thassar u tirrevoka s-sentenza appellata u wara li tqis bir-reqqa l-provi kollha f'dan il-kaz (u b'rizerva li jigu prodotti provi ohra legalment ammissibbli f'dan il-kaz) issib lill-imputat appellat hati tal-akkuzi kollha kif dedotti kontra tieghu u tinfliggi l-piena kontra tieghu skont il-Ligi.

Rat l-aggravji tal-appellant u cioe':-

Illi fit-3 ta' Mejju, 2012 l-esponent ircieva l-atti tal-kawza u hassu aggravat bihom in kwantu l-Qorti tal-Magistrati (Malta), permezz tas-sentenza taghha kif hawn fuq riferita, inter alia, ghamlet enucazzjoni zbaljata tal-provi kif migjuba li fil-fatt wasslet ghall-helsien tal-imputat mill-imputazzjonijiet migjuba kontrih u ghaldaqstant l-esponent qieghed jinterponi dan l-umli appell, inter alia, ai termini tal-artikolu 413(1)(b)(iv)(c) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Illi fis-sentenza taghha l-Qorti tal-Magistrati rritniet illi "Meta l-Qorti fliet l-atti processwali ghal diversi drabi rrizultalha li l-provi mressqa ma joholqu ebda ness bejn l-fatti u l-imputat u bid-dikjarazzjoni tax-xhud prinicpali illi l-imputat ma kienx il-persuna li kien alluda ghaliha meta ghamel stqarrija guramentata quddiem il-Magistrat Inkwirenti, din il-Qorti certament ma tistax tkun konvinta bil-mod kif verament sehhew l-affarijiet. Ghalhekk kwantu ghall-akkuzi rigwardanti l-ksur tal-Ordinanzi Kap 101 u Kap 31, din il-Qorti ma ssibx htija fl-imputat;

L-istess konsiderazzjonijet ghandhom japplikaw ghar-rigward tal-akkuzi li jirravizaw ksur tal-Kap 204 tal-Ligijiet ta' Malta fejn l-imputat huwa rinfacjat b’falsifikazzjoni ta' flus u pussess ta' flus falsifikati. Fil-konfront ta' persuni ohra l-informazzjoni li kien ta’ Joseph Attard kienet waslet ghall-investigazzjoni b'success dwar persuni ohra li nqabdu bi droga u pilloli psikotropici kif ukoll bil-biljetti ta' flus falsifikati. Il-konkluzzjoni tal-Pulizija, izda, illi x-Xalun huwa l-imputat, ma kellhiex l-istess rizultati, bil-konsegwenza illi ma setghet tipprova ebda konnessjoni bejn l-imputat odjern u l-flus falsifikati;"

Jigi umilment sottomess illi dawn il-konsiderazzjonijiet u il-konkluzjoni raggunta mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) fis-sentenza taghha hija rizultat ta' enucazzjoni zbaljata tal-provi kif migjuba, Illi l-esponent huwa tal-umli fehma li l-provi mressqa joholqu ness inekwivoku u oltre kull dubbju dettat mir-raguni bejn il-fatti tal-kaz u l-imputat u dan ghas-segwenti ragunijiet:

(i) Fl-ewwel lok, fl-istqarrijiet tieghu, Joseph Attard dejjem iddikjara li l-persuna li dwarha kien qieghed jaghti x-xhieda tieghu ghandha l-laqam tax-Xalun. Is-

Supretendent Norbert Ciappara1 kien ezebixxa stqarrija tal-imputat appellat (a fol 18) minn fejn jirrizulta li l-imputat appellat innifsu meta mistoqsi jekk huwa ghandux xi laqam, irrisponda billi qal "Jiena ghandi laqam minn tax-Xalun ... ". Illi ghaldaqstant jirrizulta b'mod l-aktar inekwivoku li l-imputat appellat ghandu l-laqam tax-Xalun.

(ii) Fit-tieni lok, fl-istqarrija guramentata tieghu quddiem il-Magistrat Antonio Mizzi (ezebita a fol 65 et seq tal-process fl-ismijiet: 'Il-Pulizija -vs- Joseph Attard', suriferit, kopja legali ta' liema process tinsab ezebita in atti), l-istess Joseph Attard, meta mistoqsi mill-Magistrat jekk jafx fejn joqghod ix-Xalun, jistqarr li jaf "Ehe Santa Venera" (a fol 73). Illi dan jikkombaca ma' dak dikjarat fl-istqarrija tal-imputat appellat (a fol 18) minn fejn jirrizulta li l-imputat appellat joqghod Santa Venera.

(iii) Illi fit-tielet lok, fl-istqarrijiet tieghu, Joseph Attard isemmi kemm il-darba r-remissa li x-Xalun ghandu hdejn il-Wied ta' Hal Qormi. Illi fl-l-ewwel stqarrija ta' Joseph Attard li ttiehdet nhar 1-20 ta' April, 1998 (ezebita a fol 62), liema stqarrija hija determinanti in kwantu fiha l-verzjoni a tempo vergine ta' Joseph Attard, Attard jistqarr li meta kien jixtri d-droga minghand ix-Xalun huwa "kont l-ewwel immur Hal-Qormi fil-pjazza ta' San Bastjan ... Minn hemm konna mmorru r-remissa tieghu li ghandu hdejn il-wied ta' Hal Qormi. Ghandi nghid li meta kont inkun wahdi hu kien idahhalni gewwa ..". Illi din l-istess remissa Attard jaghmel referenza ghaliha aktar minn darba anke fl-istqarrija guramentata tieghu. Illi dan jikkombaca wkoll mal-istqarrija tal-imputat appellat (a fol 18) minn fejn jirrizulta li l-imputat appellat ghandu remissa gewwa St. Francis Street, Hal Qormi, jigifieri hdejn il-wied ta' Hal Qormi. Illi l-imputat appellat meta mistoqsi dwar din ir-remissa gewwa Hal Qormi, huwa wiegeb li "Ir-remissa ta' nies ommi" u li "Ic-cavetta li ghandi jiena hi ta' missieri ... " Illi ghaldaqstant, jirrizulta li l-imputat appellat kellu cavetta ghal dik ir-remissa u dan jikkombaca wkoll ma' dak dikjarat minn Attard li hu kien jmur max-Xalun gewwa din ir-remissa ta' Hal Qormi.

(iv) Illi fir-raba' lok, u senjatament, l-esponent jaghmel referenza ghal dak li stqarr Joseph Attard fir-rigward ta' tfittxija li kienet saret mill-pulizija fir-remissa ta' Hal Qormi fis-16 ta' April, 1998 :-

[1] Dak iz-zmien Spettur

(a) Illi fl-ewwel stqarrija ta' Joseph Attard li ttiehdet nhar 1-20 ta' April 1998, Attard jistqarr li " ...nhar il-l5 t'April 1998 jiena kont mort ghand certu wiehed minn Hal-Qormi li naf li ghandu laqam tax-Xalun sabiex nixtri d-droga minghandu." Huwa jkompli jghid li dak inhar tal-15 ta' April, 1998, huwa kien mar ghand ix-Xalun tliet darbiet u kull darba ix-Xalun kien tah il-flus sabiex imur jixtrilu d-droga. Jghid li pero t-tielet darba ix-Xalun kien tah tmenin lira kollha f'karti tal-ghoxrin lira u qallu biex jerga' jmur jinqeda minghand l-istess persuna li minghandu kien inqada qabel, izda din id-darba din il-persuna li minghandu x-Xalun kien baghtu jixtri ried disghin lira u allura rega' mar ifittex lix-Xalun izda ma sabux. Ighid li ghalhekk huwa mar lura d-dar bil-flus fuqu. Huwa jkompli jistqarr li l-ghada "filghodu ergajt mort Hal Qormi u sibt il-Pulizija li kien wara l-bieb tar-remissa tax-Xalun. Jiena tlaqt 'l hemm ghax bzajt u bqajt sejjer lejn id-dar."

(b) Din il-verzjoni ta' fatti giet konfermata wkoll mill-istess Attard fl-istqarrija guramentata tieghu quddiem il-Magistrat Antonio Mizzi (ezebita a fol 65 et seq tal-process fl-ismijiet Il-Pulizija -vs- Joseph Attard suriferit), fejn l-istess Joseph Attard, meta mistoqsi dwar dak li kien gara fil-15 ta' April, jistqarr "Mort ghand ix-Xalun bhas-soltu biex ninqeda minghandu." Huwa jerga' jispjega li dak inhar kien rega' mar ifittex lix-Xalun wara li kien tah tmenin lira, konsistenti f'erba' karti tal-ghoxrin lira u dan ghaliex il-persuna li minghandu kien baghtu jixtri qallu li b'hamsa u erbghin lira l-wahda jista' jbieghomlu u mhux b'erbghin lira il-wahda. Huwa jistqarr liimbaghad ma setghax isibu lix-Xalun u mar lejn id-dar. Jghid li imbaghad nizel ifitxxu l-ghada u meta mar sab li "kien hemm pulizija wara l-bieb tar-remissa tieghu." Jghid li huwa beza' u telaq 'l hemm.

(v) Illi dak mistqarr minn Joseph Attard jirrifletti ezattament dak li xehdu PS116 Charles Cauchi,l-Ispettur Paul Bond u PC996 Joseph Massa li xehdu dwar tfittxija li kienet saret mill-pulizija fir-remissa tal-imputat appellat gewwa Hal Qormi nhar is-16 ta' April, 1998 filghodu. Illi mix-xhieda ta' PS116 Charles Cauchi (fol 120) jirrizulta li fis-16 ta' April, 1998 filghodu, huwa kien stazzjonat l-ghassa ta' Hal Qormi u kienu rcevew rapport anonimu li go garaxx bla numru f'St. Francis Street kien qed isir abbuz mid-droga u li kien hemm xi persuni. Huwa jixhed li huwa kien acceda mill-ewwel fuq il-post flimkien ma' PC996 Massa u 1i kien ghamel tfittxija go dan il-garaxx li

qieghed f'basement, fejn sab lill-imputat appellat u xi affarijiet li setghu kienu relatati mad-droga. Jghid li fost dawn l-affarijiet kien hemm bicciet tal-foil tal-aluminium, roll tal-foil, sulfarini u fliexken tal-ilma. Illi l-istess Surgent ezebixxa ukoll rapport li jinsab ezebit a fol 123 et seq. Illi dan gie wkoll konfermat mill-Ispettur Paul Bond (a fol 184). Illi kien xehed ukoll PC 996 Joseph Massa (a fol 188) li jghid li huwa kien assista lill-PS116 u gharaf lill-imputat appellat fl-awla. Illi ghaldaqstant, dan jikkombaca ma dak mistqarr minn Joseph Attard li dik l-istess gurnata filghodu huwa kien mar ir-remissa tax-Xalun gewwa Hal Qormi u kien sab il-pulizija hemm.

Illi huwa rninnu li meta gie biex jixhed quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta), sitt snin wara, Joseph Attard (a fo194), ghalkemm ikkonferma dak li kien stqarr a tempo vergine, stqarr li l-imputat ma kienx il-persuna li kellu x'jaqsam rnieghu dik il-gurnata li ghamel referenza ghaliha fl-istqarrija. Izda, l-esponent huwa tal-umli fehma li din ix-xhieda ta' Joseph Attard moghtija sitt snin wara ma hijiex veritiera u dan ghaliex meta wiehed jikkonsidra l-provi kollha migjuba jirrizulta ness inekwivoku bejn l-imputat appellat u l-fatti kollha tal-kaz.

Illi fid-dawl ta' dak hawn fuq espost, l-esponent itenni li meta wiehed janalizza fid-dettall il-provi mressqa f'dan il-kaz, u jgharbel l-istess provi jsib li fil-kaz in ezami, legalment u ragonevolment l-imputat appellat kellu jigi misjub hati tar-reati migjuba kontrih u dan ghaliex meta tqabbel l-istqarrija tal-imputat suriferita, l-istqarrijiet ta' Joseph Attard u x-xhieda ta' PS116 Charles Cauchi, l-Ispettur Paul Bond u PC996 Joseph Massa, jirrizulta ness oltre kull dubju dettat mir-raguni bejn il-fatti tal-kaz u l-imputat.

Rat l-atti kollha tal-kawza.

Semghet it-trattazzjoni tad-difensuri tal-partijiet.

Rat il-fedina penali aggornata tal-appellat ezebita mill-prosekuzjoni fuq ordni tal-Qorti.

Ikkunsidrat,

Illi hu principju stabbilit fil-gurisprudenza ta’ din il-Qorti li din il-Qorti ma tiddisturbax l-apprezeament dwar il-provi maghmul mill-ewwel Qorti jekk tasal ghal konkluzjoni li dik il-Qorti setghet ragonevolment u legalment tasal ghall-konkluzjoni li waslet ghaliha. Fi kliem iehor, din il-Qorti ma tibbdilx id-diskrezzjoni fl-apprezzament tal-provi maghmula mill-ewwel Qorti, izda taghmel apprezzament approfondit ta’ l-istess biex tara jekk l-ewwel Qorti kinitx ragonevoli fil-konkluzjoni taghha. Jekk din il-Qorti tasal ghall-konkluzjoni li l-ewwel Qorti, fuq il-provi li kellha quddiemha, ma setghetx ragonevolment tasal ghall-konkluzjoni li waslet ghaliha, allura dik tkun raguni valida, sabiex tbiddel dik id-diskrezzjoni u konkluzjoni. F’dan il-kuntest wiehed jista jara s-segwenti sentenzi:

Ir-Repubblika ta’ Malta v. George Azzopardi deciza fl-14 ta’ Frar, 1989;
Il-Pulizija v. Carmel sive Chalmer Pace deciza fil-31 ta’ Mejju, 1991;
Il-Pulizija v. Raymond Psaila u Edward Ellul deciza fit-12 ta’ Mejju, 1994;
Il-Pulizija v. Amadeo Brincat u Martin Dimech deciza fis-6 ta’ Gunju, 1994;
Il-Pulizija v. Carmelo Schembri deciza fit-28 ta’ April, 1995; u
Il-Pulizija v. Ezzawi Mehemed deciza fit-3 ta’ Novembru, 1995; kollha appelli kriminali.

Illi maghmula din il-konsiderazzjoni wiehed ghandu biex ighaddi ghall-ezami ta’ l-aggravji tar-rikorrenti u jaghmel analizi taghhom.

Illi fl-ewwel lok ghandu jigi rilevat li l-fatti li taw lok ghal dan l-appell graw fis-16 ta' April, 1998 u ic-citazzjoni kontra l-appellat giet prezentata fl-20 ta' Marzu, 2003. Dan mhux l-idejali li jithallew kwazi hames snin biex nbdew il-proceduri kontra l-appellat. jigi rilevat ukoll li l-ewwel sentenza nghatat fil-25 ta' April, 2012.

Illi l-impjant akkuzatorju tal-prosekuzzjoni jistrieh fuq ix-xhieda ta' Joseph Attard li offra li jikkonferma l-istqarrija li rrilaxxa lill-pulizija quddiem magistrat fl-20 ta' April, 1998.

Illi l-ewwel aggravju ta' l-Avukat Generali hu li fl-istqarrijiet ta' Joseph Attard dejjem xehed li l-persuna li dwarha kien qed jixhed kellu l-laqam 'Tax-Xalun'. L-imputat appellat stqarr mal-pulizija li l-laqam tieghu hu '...min tax-Xalun...'. Fil-fehma tal-

Avukat Generali din hi prova univoka li l-imputat appellat ghandu dan il-laqam. Dan hu kollu minnu izda fix-xhieda guramentata Joseph Attard imkien jindika lill-appellat bhala l-persuna li ghandu l-laqam hawn fuq imsemmi. Hawnhekk, ghandhom isiru zewg konsiderazzjonijiet. Fl-ewwel lok, qatt ma gie stabilit li l-appellat hu l-unika persuna f'Malta li ghandha dan il-laqam. Fit-tieni lok, kieku Joseph Attard kien gie muri ritratt tal-appellat waqt ix-xhieda tieghu quddiem il-magistrat, kienet tkun storja ohra. Fil-fatt dan l-ezercizzju ma sarx. Lanqas inghata deskrizzjoni li tista' forsi tghin it-tesi tal-prosekuzzjoni. Tant hu hekk, li matul is-snin il-pulizija hadet id-drawwa korretta li meta jitolbu li xhieda ta' persuna tittiehed bil-gurament, ir-ritratt tal-persuna suspettata tigi murija lil min ikun qed jixhed biex jigi konfermata l-identita' ta' l-istess.

Illi fl-istqarrija guramentata ta' Joseph Attard, hu xehed li l-persuna bil-laqam hawn fuq imsemmi jghix Santa Venera. Fil-fatt, l-appellat ighix Santa Venera. L-istess argument japplika hawn. Din mhiex xi prova li biha l-appellat hu identifikat. Tant hu hekk, li fix-xhieda ta' Joseph Attard quddiem l-ewwel Qorti hu xehed, fl-4 ta' Frar, 2004, li l-imputat mhux il-persuna li kellu x'jaqsam mieghu dik il-gurnata. Kompla jghid li ma kienx qed ighid li x-xhieda li qara l-ufficjal prosekutur mhux minnha.

Illi t-tielet aggravju ta' l-Avukat Generali jdur dwar il-garage li l-appellat ghandu f'Hal Qormi. Joseph Attard jaghti deskrizzjoni ta' dan il-fond izda jidher li hadd ma hadu fuq il-post biex jikkonferma li dak kien verament il-fond fejn mar u fejn ra lill-pulizija l-ghada. La gew ezebiti ritratti ta' dan il-fond, wisq anqas konferma ta' Joseph Attard li jindika l-ubikazzjoni ta' l-istess garage. Billi tghid li l-garage hu hdejn il-Wied ta' Hal Qormi ma jfisser xejn ghaliex f'din il-lokalita' hemm aktar minn garage wiehed, anzi hemm numru konsiderevoli ta' gargaes f'dik iz-zona.

Illi fil-fehma ta' din il-Qorti, l-ewwel Qorti waslet ghal-konkluzjonijiet li huma legali u ragonevoli fic-cirkostanzi.

Ghaldaqstant, ghal dawn ir-ragunijiet din il-Qorti tichad l-appell u tikkonferma s-sentenza appellata.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------